MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2015

Numru. 320/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Matthew Mifsud**

**(ID 524483(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Mifsud ta' 25 sena, iben Gaetano u Mary Anne xebba Spiteri, imwieled il-Pieta` fis-17 ta' Ottubru 1983 u residenti Flat 4, Bini Sonsage, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 524483(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Ottubru 2007 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Ottubru 2007:

c) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu medicina psiktropika u ristretta (LSD) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

e) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (*amphetamine*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jinghad illi fil-waqt illi l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz jinstema' minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita, gie esebit mill-Prosekuzzjoni mal-prezentata tac-citazzjoni odjerna, l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kap. 31 gie esebit ghall-ewwel darba bhala fotokopja fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011, f'liema stadju d-difiza sostniet illi l-proceduri huma ghal kollox monki. Sussegwentement fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, il-Prosekuzzjoni esebiet id-dokument originali tal-istess ordni, fil-waqt illi d-difiza rrizervat il-posizzjoni taghha ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet taht il-Kap. 31. Ghalkemm dan il-punt ma regax gie mqajjem mid-difiza, lanqas fit-trattazzjoni finali taghha, biss ghal kull buon fini il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Mifsud** moghtija fil-5 ta' Frar 1996, fejn inghad illi "*Ghal din il-Qorti huwa ovvju illi il-figura tal-Avukat*

*Generali u l-funzjoni tieghu tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali taht il-Kap. 101 izda bhala pre-rekwizit ghal dik li hija ix-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz … ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali ma hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija id-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali li jiddeciedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi gudikat l-istess imputat*."

Dan ifisser li n-nuqqas da parti tal-Prosekuzzjoni illi tesebixxi l-ordni tal-Avukat Generali fil-bidu tal-proceduri, ma jgibx in-nullita` ta' dawn il-proceduri, ghaliex kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-bran citat, il-proceduri taht il-Kap. 101 jinbdew mill-Pulizija minghajr il-htiega ta' ebda awtorizzazzjoni jew kunsens da parti tal-Avukat Generali. Dan naturalment japplika wkoll ghall-imputazzjonijiet mressqa kontra l-imputat taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet, fir-rigward ta' liema d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali tohrog mill-Artikolu 120A(2) tal-istess Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa identiku ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-27 ta' Ottubru 2007, waqt li Ufficjali tal-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu osservazzjoni fuq Sphynx Pastizzeria gewwa l-Gzira, huma nnutaw persuna – certu Godwin Galea – diehel fl-istess pastizzerija. Minn tfittxija li saret fuq Galea hekk kif hareg mill-pastizzerija, f'pakkett tas-sigaretti, nstabitlu bicca kannella suspettata raza tal-*cannabis.* L-istess Ufficjali tal-Pulizija sussegwentement dahlu gewwa l-pastizzerija fejn sabu lill-imputat u minn tfittxija li ghamlu, huma sabu bicca kannella suspettata raza tal-*cannabis* u bicca karta li kien jidher li fiha seba' jew tmien suspettati LSD. F'dan l-istadju, huma arrestaw lill-imputat. Sussegwentement, fir-residenza tieghu gewwa l-Hamrun, l-imputat ta

lill-Ufficjali tal-Pulizija xi haxix suspettat *cannabis grass* u trab abjad. Huwa gie mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[1]

Nhar is-27 ta' Ottubru 2007, ossia dakinhar stess li sehh il-kaz, fis-1.00 p.m., **Godwin Galea** irrilaxxja stqarrija[2], liema stqarrija sussegwentement huwa kkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess jum. Fl-istqarrija tieghu, wara li nghata s-solita twissija, Galea jikkonferma illi dakinhar stess huwa kien gie arrestat gewwa l-Gzira u li meta saritlu tfittxija, huwa nstab fil-pussess ta' bicca raza tal-*cannabis* imgezwra fil-*foil*, li kienet tinsab f'pakkett Rothmans blu. Jghid illi huwa xtara din ir-raza bil-prezz ta' Lm10 minghand Matthew tal-pastizzi, li jinsab il-Gzira, fil-kantuniera. Jghid li l-hanut jismu 'Sphynx' u jinsab ezatt ma' genb hanut iehor bl-isem 'Step on'. Mistoqsi kif kien jaghmel biex jixtri, huwa jghid li jibghatlu SMS jew jghaddi u jaghtih mill-hanut. Galea jghid illi ilu jixtri minghandu minn xi Awwissu ta' qabel (ossia Awwissu 2007) u li kien hemm zmien meta ma kellux. Jghid li dejjem hallas Lm10 u li fuq il-mobile tieghu, in-numru ta' Matthew li huwa 9929 9950, kien immarkat bhala Matthew Pastizzi. Jghid illi kien ilu jaf lil dan Matthew minn meta kien ilu jixtri minghandu u ma ftakarx kif sar jaf bih.

Din l-istqarrija kif inghad giet ikkonfermatha minn Galea bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fl-istess jum li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu.[3] F'din ix-xhieda tieghu[4], wara li nqratlu l-istqarrija mill-Magistrat Inkwirenti, Galea ikkonfermaha fl-intier taghha u kkonferma wkoll illi huwa beda jixtri minghand Matthew minn Awwissu tal-istess sena. Mistoqsi kemm il-darba xtara minghandu, huwa wiegeb illi '*mhux iktar minn erba' okkazzjonijiet*' u li dejjem xtara r-raza tal-*cannabis.* Huwa gharaf l-istqarrija tieghu u l-firma tieghu fuq l-istess u ddikjara li huwa rrilaxxja din l-istqarrija volontarjament. Galea gie muri wkoll sett ta' sitt ritratti ta' persuni maskili u gharaf u identifika lil Matthew li jsemmi fix-xhieda tieghu bhala l-persuna fir-ritratt bin-numru 4.[5] Ix-xhud jghid

---

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1355 Cleon Purshouse (a fol. 11 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 22 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb (a fol. 24 *et seq* tal-process).
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 10 tal-process.
[3] Ara l-process verbal esebit a fol. 10 tal-process.
[4] A fol. 7 tal-process verbal.
[5] Ara r-ritratti esebiti a fol. 14 u 15 tal-process verbal.

ukoll illi huwa kien qed jara dawn ir-ritratti l-ewwel darba quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**Godwin Galea** xehed darbtejn f'dawn il-proceduri – darba bhala xhud prodott mill-Prosekuzzjoni u t-tieni darba prodott bhala xhud mid-difiza. Fl-ewwel xhieda tieghu[6], Galea jiftakar li kien gie investigat dwar droga, li kien tressaq dwar il-kaz tieghu u li dan kien dwar bicca haxixa. Qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa mar jixtri bicca blokka tal-Lm10 minghand xi hadd, baqa' sejjer il-garaxx u gie arrestat. Mistoqsi minghand min kien xtraha, huwa jirreferi ghal pastizzerija fil-kantuniera, fil-Gzira, li ma kienx jaf x'jismu. Mistoqsi kemm il-darba xtara minn din il-pastizzerija, wiegeb li ma jiftakarx imma mar xi darba jew tnejn u wara qal li jahseb li xtara izjed minn darba. Mistoqsi min bieghlu mill-pastizzerija, huwa wiegeb "*xi hadd imma ma nafx x'jismu*"[7] u b'referenza ghall-imputat, huwa qal illi huwa rah barra (l-awla tal-Qorti), izda qass biss gharfu. Wara qal li ma jistax jghid li hu, dejjem b'referenza ghall-imputat u li lanqas ma kien gharaf lill-Ispettur Aquilina ossia lill-Ufficjal Investigatur. Galea ikkonferma li kien irrilaxxja stqarrija, ftakar li ried jikkonfermaha bil-gurament, izda ma ftakarx jekk fil-fatt kienx hekk ikkonfermaha. Meta giet moqrija lilu l-istqarrija rilaxxjata minnu, ix-xhud ikkonferma l-konnotati u d-dettalji tieghu kif jirrizultaw fl-istess stqarrija u mistoqsi jekk kienx jiftakar illi huwa kien qal li l-persuna minghand min kien jixtri r-raza "*jismu Matthew tal-pastizzi u jinsab il-Gzira fil-kantuniera*", huwa qal "*imma insejt minn dak iz-zmien sa llum*".[8] Meta muri l-istqarrija rilaxxjata minnu u gie mistoqsi jekk jikkonfermax li kien qed jara fuqha l-firma tieghu, huwa wiegeb fl-affermattiv.

Fit-tieni okkazzjoni li gie prodott bhala xhud[9], **Galea** ikkonferma li kien xehed dwar stqarrija li kien ghamel lill-pulizija u jghid "*imma ilu*" u li "*jiftakar xi ftit*" u li kien jixrob hafna, li dam jixrob xi ghaxar snin u li waqaf sentejn qabel (jigifieri fis-sena 2012). Mistoqsi kienx jiftakar li kien irilaxxja stqarrija mal-pulizija li huwa kien imur jixtri xi droga minn pastizzerija fil-Gzira u li mbaghad xehed

[6] A fol. 45 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 47.
[8] A fol. 49.
[9] A fol. 86 *et seq* tal-process.

dwar dan, huwa wiegeb "*ghandikun xi darba iva*"[10] u meta mistoqsi jekk kienx jiftakar li l-pulizija kienu talbuh jidentifika lil xi hadd li kien fil-pastizzerija, huwa wiegeb li ma jafx u li m'ghandux idea. Mistoqsi jiftakarx li kien xehed dwar il-pastizzerija, huwa qal li kien qal xi haga, imma mhux cert u rega' tenna li kien ilu naqra. Wara fuq domanda tal-avukat difensur, wiegeb li jiftakar li kien hemm dawn il-proceduri fejn huwa kien imur jinqeda u kien xtara xi haga mill-pastizzerija tal-Gzira, izda mistoqsi dwar il-fatt li huwa kien identifika persuna, rega' qal li ma jafx u li kien nesa. Mistoqsi jekk il-persuna li mar ghandha fil-pastizzerija tal-Gzira kinitx fl-awla, wiegeb "*Le ma nahsibx*"[11] u mistoqsi jekk kienx qed jaghraf lil xi hadd fl-awla, wiegeb illi lanqas lill-Ispettur ma kien qed jaghraf u li lill-imputat ma jafux u li ma kienx qed jaghrfu. Qal li ma jahsibx li qatt rah qabel. Qal illi l-persuna li ghamel referenza ghaliha fl-istqarrija tieghu ma kinitx hemm.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija nhar it-28 ta' Ottubru 2007 fil-11.10 a.m. u ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu mill-Ufficjal Investigatur, kif kellu kull dritt li jaghmel, hlief ghad-domanda li saritlu jekk jahdimx, ghal-liema huwa rrisponda fl-affermattiv.[12]

Waqt ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, **l-Ispettur Victor Aquilina**[13] esebixxa s-sustanza u l-*mobile* misjuba fil-pussess tal-imputat. Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2010[14], id-difiza ddikjarat illi ma kienx hemm il-htiega li jinhatar analista tas-sustanza esebita dakinhar stess, ghaliex ma kinitx qeghda tikkontesta li din is-sustanza hija d-droga indikata fl-akkuza u dan minghajr pregudizzju ghall-htija o meno tal-imputat.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

[10] A fol. 88.
[11] A fol. 90.
[12] A fol. 16 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 13 *et seq* tal-process.
[14] Ara l-verbal a fol. 6 tal-process.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) ossia dawk li jikkontemplaw il-pussess semplici tal-pjanta *cannabis*, tal-medicina psikotropika u ristretta (LSD) u tal-medicina psikotropika u specifikata (amfetamina), jirrizulta car mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li hadu sehem fit-tfittxija fil-pastizzerija tal-imputat u fir-residenza tieghu, illi fil-pussess tal-imputat ossia fil-pastizzerija tieghu, instabet sustanza suspettata LSD (apparti sustanza suspettata raza tal-*cannabis*), fil-waqt illi mir-residenza tieghu, l-imputat stess ta lill-Pulizija, sustanza suspettata *cannabis grass* u trab abjad. Kif inghad izjed 'il fuq, id-difiza ddikjarat li ma kinitx qeghda tikkontesta li din is-sustanza hija d-droga indikata fl-akkuza u fil-fatt ghalkemm il-Qorti fl-istess seduta li fiha saret din id-dikjarazzjoni diga` kienet hatret lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi tas-sustanza msemmija, wara din id-dikjarazzjoni tad-difiza, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* l-hatra tal-imsemmi espert. Ghaldaqstant, l-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

L-imputazzjonijiet (a) u (b) jikkontemplaw ir-reati ta' traffikar u tal-pussess aggravat tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis.*

F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija guramentata ta' Godwin Galea li, madankollu, f'dawn il-proceduri, minkejja li ma nnegax dak li kien qal fl-istqarrija tieghu kif ikkonfermata minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, lanqas ikkonfermaha fl-intier taghha, izda qal li ma kienx jiftakar minghand min kien jixtri r-raza tal-*cannabis*, hlief li kien jixtri minn pastizzerija fil-kantuniera gewwa l-Gzira, li ma kienx qed jaghraf lill-imputat, li ma kienx jafu u li l-imputat ma kienx il-persuna li rrefera ghaliha fl-istqarrija bhala l-fornitur tieghu.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-

imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

U kif intqal ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**:

*"… meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-*

*gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud."*

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Godwin Galea quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnu matul dawn il-proceduri. Il-Qorti fil-fatt tqis illi l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Galea quddiem il-Magistrat Inkwirenti, hija wahda kredibbli u attendibbli ghall-ahhar u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn spjegati.

Fl-ewwel lok, f'dan il-kaz, ix-xhud Galea gie osservat mill-Ufficjali tal-Pulizija, fil-jum in kwistjoni, diehel gewwa l-pastizzerija fejn sussegwentement instab l-imputat u f'dan ir-rigward, PS 1086 Johann Micallef jghid specifikatament fix-xhieda tieghu illi huma kienu raw lil Galea jaghmel kuntatt mal-imputat[15]. Hekk kif Galea hareg mill-pastizzerija, huwa gie mwaqqaf ftit il'fuq u fil-pussess tieghu instabet sustanza suspettata raza tal-*cannabis.* Dak il-hin stess, skond ix-xhieda ta' PS 1086, Galea qal li kien ghadu kif akkwista din is-sustanza minghand Matthew Mifsud ossia l-imputat odjern minn gewwa l-imsemmija pastizzerija. Mit-tfittxija li saret fl-istess pastizzerija, imbaghad, fil-presenza tal-imputat, instabet *inter alia* bicca raza suspettata *cannabis*.

Jirrizulta ghalhekk illi Galea mill-ewwel indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li kienet fornietu bis-sustanza li nstabet fil-pussess tieghu u f'dan huwa kien korroborat kemm b'dak li kienu ghadhom kif osservaw il-pulizija, ossia l-kuntatt li l-istess Galea kien ghadu kif ghamel mal-istess imputat, kif ukoll bil-fatt illi fil-pussess tal-imputat instabet ukoll sustanza suspettata raza tal-*cannabis* li, kif inghad izjed il'fuq, id-difiza accettat illi kienet proprju raza tal-*cannabis.*

[15] A fol. 22 tal-process.

L-istess Galea imbaghad irrilaxxja stqarrija, sussegwentement ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn rega' indika l-fornitur tieghu bhala 'Matthew tal-pastizzi', li jinsab il-Gzira fil-kantuniera u li l-hanut igib l-isem ta' 'Sphynx'. Huwa indika l-prezz li biha xtara u li kien jixtri r-raza minghand l-istess persuna, kemm kien ilu jixtri minghandu, il-mod kif kien jixtri u ndika wkoll in-numru tal-*mobile* ta' dan Matthew li fuqu kien jikkomunika mieghu. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Galea mhux talli rega' kkonferma din l-istqarrija, izda zied ukoll illi xtara f'mhux izjed minn erba' okkazzjonijiet, li dejjem xtara rezina tal-*cannabis* u in oltre gharaf u identifika lill-persuna indikata minnu – ossia lill-istess Matthew, l-imputat odjern - fuq ritratt fost sett ta' sitt ritratti ta' sitt persuni maskili li huwa gie muri ghall-ewwel darba quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dan il-fatt ossia illi Galea sahansitra gharaf u indika lill-imputat odjern f'ritratt fost sett ta' ritratti murija lilu, bhala l-fornitur tieghu tar-raza tal-*cannabis*, fl-istess jum li huwa gie mwaqqaf mill-pulizija, abbinat mac-cirkostanzi kollha l-ohrajn imsemmija izjed 'il fuq, iwassal lill-Qorti sal-konvinciment morali illi din ix-xhieda ta' Galea kienet wahda veritiera, kuntrarjament ghal dik moghtija minnu f'dawn il-proceduri fejn jinnega li huwa kien jaf lill-imputat u li l-imputat ma kienx il-persuna li ghamel referenza ghalih fl-istqarrija tieghu.

In oltre l-Qorti tqis il-verzjoni moghtija mix-xhud fl-istqarrija guramentata tieghu bhala kredibbli anke in vista tal-fatt illi meta huwa gie mistoqsi kemm kien ilu jixtri raza tal-*cannabis*, huwa qal ukoll illi kien ilu jaghmel dan minn Awwissu. Ma kienx il-kaz ghalhekk illi x-xhud kien qed jipprova jimmitiga ghalih inniffsu s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha wara li nqabad fil-pussess tar-raza tal-*cannabis*, izda ammetta wkoll li kien fil-pussess tal-istess raza fix-xhur ta' qabel.

Li Galea kien jaf lill-imputat odjern u li huwa kien jikkomunika mieghu fuq il-*mobile* huwa kkorroborat ukoll mill-kontenut tal-*mobile* tal-istess imputat, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[16]. Jibda biex jinghad fir-rigward ta' dan il-*mobile*, illi kif jirrizulta mill-istess relazzjoni, it-*tag* li giet esebita mal-istess *mobile* tindika illi dan gie elevat minn PS 1086 u minn PS

[16] Esebita a fol. 59 *et seq* tal-process.

1355, fil-jum tas-27 ta' Ottubru 2007, fin-12.30, fil-presenza tal-imputat, minn fuq il-bank gewwa l-hanut. Mill-kontenut tal-istess *mobile*, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi fil-fatt dan kien il-*mobile* tal-imputat odjern u dan ghaliex numru ta' messaggi fl-*inbox* jirreferu ghal 'Matthew', 'Matt', 'Mat' jew 'Mattew'[17] u in oltre, huwa rcieva diversi messaggi ta' awguri ghal gheluq zmienu fil-jum tas-17 ta' Ottubru 2007, li mill-att tat-twelid tieghu[18], jirrizulta proprju li huwa l-jum tat-twelid tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll mill-istqarrija ta' Galea illi n-numru tal-*mobile* tal-istess Galea fiz-zmien tal-kaz odjern kien 9989 4466. Apparti li Galea ikkonferma l-istqarrija tieghu, kif inghad quddiem il-Magistrat Inkwirenti, il-parti ta' fuq tal-istqarrija tieghu li fiha hemm indikat in-numru tal-*mobile* tieghu, giet ikkonfermatha wkoll mill-istess Galea fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Mill-kontenut tal-*mobile* tal-imputat, jirrizulta proprju illi n-numru ta' Galea – 9989 4466 - huwa mnizzel fil-*phone book* hdejn 'Captin Morgan' u in oltre fl-*inbox* jidhru wkoll zewg messaggi mibghuta mill-istess numru tax-xhud, bl-ahhar messagg mibghut mix-xhud fil-jum in kwistjoni, ftit qabel ma gie mwaqqaf mill-Pulizija.[19] Kif inghad, dan juri ghalhekk illi Galea kien verament jikkomunika mal-imputat odjern, kif jghid fl-istqarrija guramentata, u in oltre kemm m'hijiex attendibbli u kredibbli x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri meta jghid illi lill-imputat ma jafux.

Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, imbaghad, ix-xhud ma jinnegax, anzi jikkonferma illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien xtara bicca blokka – haxixa – bil-prezz ta' Lm10 mill-pastizzerija fil-kantuniera, gewwa l-Gzira, izda jghid illi lill-imputat ma kienx qed jaghrfu. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija tieghu u li huwa kien semma lill-Matthew tal-pastizzi, huwa ma jinnegax illi kien qal il-kliem imnizzel, anzi jaghraf ukoll il-firma tieghu fuq l-istess stqarrija, izda jghid li kien nesa minn dak iz-zmien. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif konvenjentement, ix-xhud ftakar hafna mid-dettalji dwar il-kaz, hlief il-persuna li kienet tfornih bir-raza tal-*cannabis* u wera reticenza meta gie biex isemmi l-persuna li minghandha kien xtara d-droga – "*mort nixtri minghand xi hadd … xi hadd imma ma nafx x'jismu*".[20] Fit-tieni xhieda tieghu, imbaghad, Galea f'daqqa

[17] Ara a fol. 76 sa 80 tal-process.
[18] Esebit a fol. 2 tal-process.
[19] Ara a fol. 79 u a fol. 80 tal-process.
[20] A fol. 47 tal-process.

wahda jiftakar li kellu problema tax-xorb fiz-zmien in kwistjoni u kompla b'reticenza matul ix-xhieda kollha, specjalment meta mistoqsi jekk kienx identifika lill-fornitur tieghu mal-pulizija. Ikkonferma li rrilaxxja stqarrija u anke li kien imur jinqeda mill-pastizzerija tal-Gzira, izda kif saritlu referenza ghall-fatt li huwa kien gie mitlub mill-pulizija biex jidentifika lil xi hadd li kien fil-pastizzerija, wiegeb darbtejn li ma jafx u li m'ghandux idea u wara jkompli jghid li mhuwiex cert dwar dak li kien qal u li kien ilu hafna u lill-imputat ma kienx jafu, li ma kienx qed jgharfu, li ma jahsibx li kien rah qabel u li l-persuna li ghamel referenza ghaliha fl-istqarrija ma kinitx fl-awla u allura li ma kienx l-imputat odjern.

Biss fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u fix-xhieda li Galea ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-mod kif ix-xhud wiegeb fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri ma kien konvincenti xejn u li din ix-xhieda m'ghandhiex mis-sewwa huwa evidenti wkoll mill-kontenut tal-*mobile* tal-imputat odjern.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi f'dawn il-proceduri ma gietx esebita s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Galea fil-jum in kwistjoni. Biss kemm fl-istqarrija guramentata, kif ukoll f'dawn il-proceduri, Galea ammetta li din kienet raza tal-*cannabis* u fl-istqarrija guramentata sostna li hu dejjem xtara raza tal-*cannabis* minghand l-imputat fiz-zmien li kien ilu jixtri minghandu. Naturalment, in kwantu jirrigwarda r-raza mixtrija minn Galea minghand l-imputat minn Awwissu tas-sena 2007 sal-jum in kwistjoni, ma tirrizulta l-ebda prova forensika, kif ma tirrizulta l-ebda prova forensika fir-rigward tas-sustanza misjuba fil-pussess ta' Galea fil-jum in kwistjoni. Kif inghad izjed 'il fuq, il-Qorti tqis l-istqarrija guramentata ta' Galea bhala wahda kredibbli u attendibbli ghall-ahhar u la darba ghar-ragunijiet spjegati, il-Qorti temmen id-deposizzjoni ta' Galea fis-sens illi s-sustanza li huwa kien xtara minghand l-imputat fix-xhur ta' qabel il-jum in kwistjoni kienet raza tal-*cannabis*, ikun kontro-sens u manifestament kontradittorju illi, fin-nuqqas ta' prova forensika, il-Qorti mbaghad ma temminx ix-xhieda tieghu illi anke dak li xtara fil-jum in kwistjoni

minghand l-istess imputat (li da parti tieghu wkoll kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-*cannabis* proprju fil-hanut li minnu kien ghadu kif xtara Galea), bl-istess prezz u bl-istess mod bhad-drabi precedenti, kienet ukoll raza tal-*cannabis*. Jirrizulta car illi din ma kinitx l-ewwel darba li x-xhud xtara r-raza tal-*cannabis* u ghalhekk kien jaf sew f'hiex kienet tikkonsisti din is-sustanza. A bazi tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tax-xhieda guramentata ta' Galea, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat traffika r-raza tal-*cannabis* billi biegh lil Galea l-istess sustanza kemm fil-jum in kwistjoni, kif ukoll matul it-tliet xhur ta' qabel ossia minn Awwissu tas-sena 2007.

Din hija wkoll il-linja li hadet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil** tas-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala*

*għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti."*

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**. Fil-kaz **Il-Pulizija vs Richard Borg**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002, il-Qorti wkoll kienet irrimarkat illi jista' jwassal "*ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f'hafna kazijiet ma tkunx tista' ssir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx*". F'dan il-kaz, il-Qorti strahet fuq l-ammissjoni tal-appellat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kienet effettivament eroina u dan minkejja li ma kinitx tressqet prova forensika ta' din is-sustanza fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

A bazi tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ippruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra l-imputat.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), imbaghad, isegwi illi la darba l-imputat qed jinstab hati ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* a bazi tal-istqarrija guramentata ta' Galea u tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-sens illi huwa xtara r-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat kemm fil-jum in kwistjoni, kif ukoll fix-xhur li ta' qabel li jirrisalu sa Awwissu 2007, isegwi necessarjament illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-istess droga, li ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, illi l-imputat fil-jum in kwistjoni kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-*cannabis* u li ftit tal-hin qabel huwa kien biegh ir-raza lil Galea. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali ma kinitx wahda allarmanti u kienet tikkonsisti f’kundanna dwar bejgh ta’ minerali minghajr l-licenzja mehtiega u kundanna ohra dwar reati kontravvenzjonali. Il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Gunju 2014, baqghet invarjata.

Qieset ukoll illi skond ix-xhieda ta’ Galea quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-imputat kien ilu jbieghlu r-raza tal-*cannabis* minn Awwissu tal-istess sena u li dan ma sehhx f’izjed minn erba’ okkazzjonijiet.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat u pprezentat mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard fi Frar tas-sena 2011[21], mil-liema jirrizulta illi l-imputat ghandu hajja stabbli u mpjieg fiss. Skond l-istess rapport, ghalkemm l-imputat kien ghamel uzu mill-*cannabis* ghal perjodu ta’ madwar erba’ snin, huwa rnexxielu jieqaf minn dan l-uzu wara l-arrest tieghu u kampjun tal-urina li ttiehed lill-imputat taht supervizjoni irrizulta fin-negattiv ghall-morfina, *cannabis* u kokaina.

Qieset ukoll ghal fini ta’ piena, ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Fir-rigward tar-reati mertu tal-imputazzjonijiet (c) u (e), stante illi l-piz tas-sustanzi ma jirrizultax mill-atti, id-dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tikkunsidra l-pizijiet in kwistjoni bhala tali li jinkwadraw fil-parametri tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghda tapplika l-piena skond id-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu. Fir-rigward tas-sustanza mertu tal-imputazzjoni (d), madankollu, din m’hix koperta bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 u ghaldaqstant, qeghda tapplika l-piena taht l-Artikolu 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31.

[21] A fol. 30 *et seq* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 u r-Regolamenti 3(1) u 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 17(f) u (h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (d) (bl-imputazzjoni (b) assorbita fl-imputazzjoni (a) kif fuq inghad) ghal piena ta’ **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ disa’ mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b’din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (c) u (e), tikkundanna lill-hati ghal **penali ta’ mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125)**.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert mahtur f’dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta’ tliet mija, sitta u tmenin Euro u tlettax-il centezmu (€386.13), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll il-konfiska tal-*mobile* esebit bhala Dok. VA1, ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------